MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 309/1994/1

**Joseph Saliba**

**vs**

**Simon Carbonaro**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B'citazzjoni ppresentata fl-1 ta' Marzu, 1994 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc, l-attur ppremetta li l-konvenut

xtara diversi ghodda u kaxxi tal-plastic minghand l-attur; illi dawn l-oggetti gew ikkonsenjati lill-konvenut matul il-perjodu mis-sena elf disa’ mija hamsa u tmenin (1985) sas-sena elf disa’ mija sitta u tmenin (1986); illi skond ftehim li sar bejn il-partijiet il-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta’ tlett elef erba’ mija u wiehed u erbghin lira maltin u erbgha u tletin centezimi (LM3,441.34), rapprezentanti elfejn, tlett mija u disgha u erbghin lira maltin u sbatax-il centezimu (LM2,349.17) dovuti lill-attur ghall-bejgh u l-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni u elf u tnejn u disghin lira maltin u sbatax-il centezimu (LM1,092.17) imghax mid-data tal-konsenja; illi ghalkemm interpellat kemm-il darba biex jersaq ghall-hlas ta’ dan l-ammont il-konvenut baqa’ inadempjenti; ghalhekk talab li dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ LM3,441.34 ghall-bejgh u l-konsenja tal-merkanzija fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax u bl-igunzjoni tal-konvneut ghas-subizzjoni.

B’nota tal-11 ta’ April, 1994 l-konvenut eccepixxa:-
1. In-nullita` tac-citazzjoni peress li ma tindikax quddiem liema Qorti giet ippresentata;
2. Il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili; u
3. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux veru li l-konvenut xtara xi ghodda jew kaxxi tal-plastic minghand l-attur li dwarhom hemm xi bilanc tal-prezz dovut.

Fl-udjenza tal-31 ta’ Ottubru, 1994 il-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tad-29 ta’ Settembru, 2000 il-Prim’Awla tal-Qorti Civili filwaqt li rrespingiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, laqat it-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ LM2,760.17 per saldu u kkundannat lill-konvenut ihallas dan is-sorte lill-attur, u pprovdiet illi l-kap ta’ l-ispejjez

ghandu jigi sopportat kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u tlett kwarti (3/4) mill-konvenut, bl-interessi ulterjuri mid-data tal-presentata tac-citazzjoni sal-pagament effettiv, u dana wara ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"*Ikkunsidrat li f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob minghand il-kontroparti konvenuta s-somma ta' LM3,441.34 maghmulha minn l-ammont ta' LM2,349.17 "dovuti ghall-bejgh u merkanzija"* (sic) *u LM1.092.17c "imghax mid-data tal-konsenja".*

*Mill-provi – li ma tantx huma daqstant elucidanti anzi kemmxejn neboluzi miz-zewg nahat – jirrizulta li l-kontendenti ghamlu xi zmien shab f'negozju ta' importazzjoni billi kienu jimportaw lokalment kaxxi tal-"plastic". Dawn imbaghad kienu jinqasmu bejniethom pero` l-attur jghid li mir-rikavat tal-bejgh u mill-ghodda li huwa kien ukoll fornixxa lill-konvenut biex dan ibieghhom mill-hanut ta' ferrament, kien baqa' skopert fl-ammont mitlub fl-att tac-citazzjoni li jikkomprendi ammont sostanzjali bhala interessi kif fuq intqal.*

*Il-konvenut fil-bidu nett xehed b'certu mod biex juri li hu ma kellux jaghti flus lill-attur u li kien baqa' fl-ghama ghal dak li kellu x'jaqsam mal-mod kif kien jopera l-attur, imbaghad aktar 'il quddiem – u meta l-kawza kienet twalet gmielha u bil-patrocinant legali tal-konvenut jirrinunzja u jerga jassumi l-patrocinju tal-konvenut ghall-tlett darbiet – il-konvenut beda f'daqqa wahda jinsisti li kull negozju li sar ma kienx mieghu proprio imma mas-socjeta` C.I.S. Ltd gestita minnu.*

*Mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-bidu tal-provi ma hemm xejn x'juri li l-attur ma kienx jinnegozja bi shab mal-konvenut personalment. Jirrizulta pero` li l-konvenut kien ukoll jopera u jinnegozja f'isem is-socjeta` surriferita imma dan ma kienx necessarjament jeskludi li l-konvenut kien ukoll jinnegozja f'ismu proprju. Dwar dan il-punt, fil-fatt, ix-xhieda moghtija mill-attur hija ferm izjed attendibbli u kredibbli minn dik tal-konvenut. Minbarra dan pero` jirrizulta li meta inqala' dizgwid bejn iz-zewg imsiehba, u dawn allura ftehmu li ghandhom jaraw x'hemm pendenti bejniethom, l-istess konvenut inkarika lil certu Emanuel*

*Farrugia, "accountant" professjonali, biex ilaqqaghhom flimkien u jara x'hemm dovut bejniethom. Issa minn dak li xehed Farrugia, jemergi bic-car is-segwenti:-*

1. *Li dak li kien qieghed jigi kkunsidrat u miftiehem kien bejn il-kontendenti proprio u mhux f'isem xi kumpanija;*

2. *Li minn dak li rnexxielu jigbor u jinnota f'isimhom l-"accountant" – ara Dok JS4 a fol. 73 tal-process – hu li sal-mument li saret il-kawza kien hemm dovut l-ammont ta' LM2,349.17 dwar merkanzija u LM411.00 ta' imghaxijiet – b'kollox ghalhekk is-somma ta' LM2,760.17.*

*Min-naha tieghu l-konvenut esebixxa skrittura li turi speci ta' ftehim – ara Dok SC1, a fol. 94 tal-process – bejn l-attur u s-socjeta` CID Ltd – izda din ma hijiex iffirmata. Hemm in-naha t'isfel taghha l-isem dattilografat ta' "B. Cachia B.A. (Hons) ACCTY., C.P.A." u daqshekk. Min seta' kien li rredigaha ma giex prodott b'xhud biex jispjega l-ghala setghet saret u l-attur xehed li hu ma kienx ftiehem mas-socjeta` imma mal-konvenut proprio. Il-fatt imbaghad – ara Dok SC 2,3,4 li l-attur ha xi oggetti bhala hlas akkont u "in kind" tramite din is-socjeta` CIS Ltd li kienet titmexxa mill-konvenut ma jbiddel xejn min-natura tal-ftehim originali – Illi l-probabilita` ta' dak li gara tidher li kienet dik li l-konvenut kien volutament ihallat u jikkonfondi negozju ma' iehor, dak f'ismu proprio u dak f'isem CIS Ltd ghar-raguni li t-tnejn kienu jitmexxew minnu, u f'dan is-sens di fatti xehed l-attur. F'kull kaz pero` l-ammont realment dovut mhuwiex fis-somma indikata fl-att tac-citazzjoni imma f'ammont inferjuri, igifieri LM2,760.17 (elfejn seba' mija u sittin lira Maltin u sbatax-il centezimu), interessi komprizi.*

*Il-konvenut avvanza wkoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, igifieri dik kwinkwennali. Ill-ghalkemm huwa minnu li talvolta kellha tapplika xi preskrizzjoni din kellha tkun wahda ta' hames snin, madankollu ma jirrizultax li t-talba attrici kienet preskritta. Hekk jirrizulta li l-att tac-citazzjoni gie ippresentat fl-1 ta' Marzu 1994, filwaqt li sas-7 ta' Settembru 1989 (ara Dok JS4 – fol. 73) il-partijiet kienu*

*zgur ghadhom jirrikonoxxu li hemm pendenzi x'jissaldaw bejniethom. Dan mela jfisser li l-perjodu preskrittiv kien ghadu ma ddekorriex.*"

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravt bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentat fil-11 ta' Ottubru, 2000 interpona appell lil din il-Qorti fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza appellata tigi varjata billi din il-Qorti tichad it-talbiet attrici.

Fir-risposta tieghu l-attur appellat talab li l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellanti in kwantu s-sentenza hija gusta u timmerita konferma.

**L-aggravji tal-appellant:**

Fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe`:-
a) Illi d-decizjoni ta' l-ewwel qorti hija '*extra petita*' u
b) Illi l-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur.

Ma jidhirx li tressaq xi aggravju dwar ic-cahda tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni.

Huwa xieraq li fl-ewwel lok jigi ezaminat it-tieni aggravju tal-konvenut appellant.

**Il-legittimu kontradittur.**

Gie rilevat fir-rikors ta' l-appell li "*jirrizulta ampjament illi kwalunkwe bejgh u negozju simili kien qed isir mill-attur mal-konvenut fil-veste tieghu ta' direttur tas-socjeta` CIS Limited.*" B'dan il-konvenut appellant qieghed jghid li, anke jekk hemm xi ammont dovut, dan mhux dovut minnu fil-vesti personali tieghu izda mis-socjeta` gestita minnu.

Ghandu jigi rilevat fl-ewwel lok li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ppresentata fil-11 ta' April, 1994 ma jinghad xejn fir-rigward u ma hemm ebda eccezzjoni specifika fis-

sens li l-konvenut ma kienx il-legittimu kontradittur. Huwa minnu li fit-tielet eccezzjoni tal-konvenut jinghad "*li mhux veru li l-konvenut xtara xi ghodda jew kaxxi tal-plastic minghand l-attur....*" Din l-eccezzjoni pero', tenut kont tal-provi prodotti u l-argumentazzjoni li tressqet fir-rigward ta' l-ewwel aggravju, kif ser naraw, ma kienitx intiza kif issa qed jipprova jissottometti l-konvenut u kien biss waqt il-gbir tal-provi li tissemma s-socjeta` CIS Ltd.

B'dana kollu jidher li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti, li, ghalkemm ma kienitx inghatat eccezzjoni espressa fir-rigward, dahlet fil-kwistjoni tal-legittimu kontradittur, hija korretta. Infatti minn ezami tal-provi prodotti jidher car li kwalunkwe negozju li kien hemm kien jinvolvi lill-kontendenti fil-kapacita` personali taghhom u mhux is-socjeta` gestita mill-konvenut. L-ezistenza tal-hanut gewwa Valley Road, gestit mis-socjeta` CIS Ltd kien fattur incidentali ghan-negozju ta' bejn il-kontendenti billi dan kien jservi bhala 'outlet' ghall-merkanzija li huma kienu gabu flimkien meta din kienet tinbiegh mill-konvenut.

Jigi osservat f'dan ir-rigward li l-konvenut, ghalkemm kellu kull opportunita` li jaghmel hekk qatt ma ressaq prova konkreta da dak li kien qed jallega. Seta` facilment ressaq l-'accounts' tas-socjeta` CIS Ltd biex juri li l-pagament li kien sar mill-attur fil-bidu nett gie akkreditat lil din is-socjeta`, u liema accounts kienu ukoll juru, jekk dan huwa minnu, li l-merkanzija dahlet fil-kotba ta' din is-socjeta`. Seta` ukoll il-konvenut jipproduci bhala xhud lil B. Cachia li ismu jidher fuq id-dokument SC1 biex forsi jispjega l-kontenut ta' dan id-dokument u anke jipproduci, jekk verament jezisti, l-original tieghu debitament iffirmat. Pero` il-konvenut rega' naqas.

Illi fl-ahharnett jinghad li kull pagament li seta` sar minn din is-socjeta` akkont tad-debitu in kwistjoni, liema pagamenti saru billi l-attur kien jiehu xi oggetti mill-hanut tal-konvenut u dawn imorru biex jpacu parti mill-kreditu, mhux prova tal-involviment ta' din is-socjeta' billi kif jipprovdi l-Artikolu 1148(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta "*L-obbligazzjoni tista' wkoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fiha, basta li din*

*il-persuna tagixxi fl-isem u ghall-helsien tad-debitur ...”* Billi, kif jghid il-konvenut, is-socjeta` CIS Ltd kienet proprjeta` tieghu, ma hemmx dubbju li meta din hallset, kif fuq inghad, parti mid-debitu kienet qed taghmel hekk fl-interess tal-istess konvenut.

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Extra petita.**

Qed jigi sottomess fir-rikors ta’ l-appell li fis-sentenza taghha l-ewwel qorti ma zammitx strettament mal-parametri w it-talbiet fic-citazzjoni. Dan billi, skond il-konvenut appellant, filwaqt li fic-citazzjoni l-premessi u l-kawsali tat-talba attrici huma marbutin ma’ bejgh li sar mill-attur lill-konvenut, irrizulta waqt is-smiegh tal-provi li dan effettivament ma kienx bejgh izda kreditu naxxenti minn negozju bi shab bejn il-kontendenti. It-talba ghalhekk qatt ma setghet tintlaqa.

Issa huwa minnu li l-origini tal-kreditu kien in-negozju ta’ importazzjoni u bjegh bi shab ta’ kaxxex tal-plastic u f’dan is-sens it-talba kif maghmula mhix wahda felici. Biss jigi rilevat li l-ammont reklamat mill-attur jirraprezenta mhux biss kull bilanc li seta’ kien dovut lilu minn din is-shubija izda wkoll kien jirraprezenta ammonti ohra ghall-merkanzija li huwa kien effettivament ikkonsenja lill-istess konvenut. Veru li ma tressqet ebda prova ta’ kemm kien l-ammont rappresentanti l-valur ta’ din il-merkanzija biss jirrizulta li bejn il-kontendenti kienu saru konteggi, bl-assitenza ta’ Emanuel Farrugia, l-accountant tal-konvenut, fejn finalment gie stabbilit ammont dovut mill-konvenut lill-attur u liema konteggi gew ezaminati mill-ewwel qorti. Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni lghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta’ l-ewwel qorti.

Issa ghar-rigward ta’ dan l-aggravju, u senjatament ghal dak l-ammont li jirraprezenta bilanc dovut mal-likwidazzjoni tas-shubija, jigi rilevat li f’xi zmien l-partijiet kienu itterminaw kwalunkwe ftehim ta’ bejniethom u kien fadal biss li jsiru l-konteggi – liema konteggi saru. Meta rrizulta kreditu favur l-attur dan effettivament kien kreditu

ghall-prezz tal-merkanzija li kienet issejjah lill-attur billi, ghal dik li kienet tal-konvenut, l-attur ma setax u lanqas kellu dritt li jirreklama xi dritt. Billi kien jezisti zbilanc favur l-attur dan seta` biss ifisser li l-konvenut kien ha jew bejgh aktar mill-merkanzija in kwistjoni u ghalhekk effettivament kellu jghati lill-attur il-prezz ta' din il-merkanzija.

Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------